**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

Seduta – Distrett San Giljan

**Illum 8 ta` April 2024**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Omar Abdel Ghani**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omar Abdel Ghani,** imwieled il-Pieta` nhar is-26 ta’ Settembru 2002, iben Wael Mohamed Rabie u Diane xebba Galea residenti gewwa Blk G, Ent D, Flat 7, Triq il-Qalb ta` Gesu, Birgu u detentur tal-karta tal-identità bin-numru **359902L**, fejn gie akkużat talli fit-12 ta' Lulju 2021 bejn il-kwarta ta' filgħodu

(00:15Hrs) u n-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30Hrs) ġewwa Triq Ross San Giljan, Malta: -

1. Ingurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' **PC485 Matthew Borg** persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minhabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz; *Art. 95 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' **PC485 Matthew Borg** filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti; *Art. 96 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li iqiegħed il-ħajja tal-kuntistabbli **PC485 Matthew Borg** f'periklu car, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-sahha tiegħhu, liema griehi huma ta' natura ħafifa; *Art. 214, 215 u 221(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. Waqt li kien arrestat harab mill-kustodja ta' **PC485 Matthew Borg**, persuna li kienet inkarigata mill-kustodja tiegħu u dan bi ksur tal-Artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien qed jagħmel d-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil **PS1364 Carl Vella u PC485 Matthew Borg** jagħmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew setaw għamlu, jew billi

ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS1364 u PC485, kienu qed jagħmlu skond il-liġi, jew b'xi mod iehor li jkun; *Art. 338 (ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. Volontarjament hassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tammontax għal aktar minn € 250 għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija. *Art.325(1)(c) tal-kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; *Art. 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa, inkluz dik ta` l-imputat minn jeddu;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succint, dak li jirrizulta mill-provi, huwa s-segwenti.

1. Illi fil-lejl in kwistjoni tat-12/07/2021 ghall-xi 00:15hrs, gewwa Paceville, il-Pulizija lemhu kommossjoni bejn numru ta` persuni, u lill-imputat bhala wiehed li kien involut f`tali kommossjoni. L-imputat deher jitlaq ‘l hemm minn fejn kien hemm tali kommossjoni u gera fid-direzzjoni ta` PC 485 u PS 1364;

2. Illi PC 485 ipprova jaqbad lill-imputat izda dan kien b`sahhtu wisq tant illi habbat lill-kuntistabbli ma vettura u l-imputat baqa jigri ‘l hemm;

3. Illi l-Pulizija baqghu jigru warajh u jghidulu biex jieqaf izda l-imputat baqa jigri, sakemm ftit wara gie mizmum mill-Pulizija u l-imputat mbaghad gie arrestat;

4. Illi meta u peress illi gie mhabbat ma vettura, PC 485 sofra griehi hfief, kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit fl-atti.

5. Illi minkejja li l-inputat jichad li kien jaf li z-zewg persuni kienu Pulizija, din il-versjoni ma tregix ghaliex effettivament il-Pulizija kienu lebsin l-uniformi;

Dan hu bazikament dak li sehh.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami ta` tali rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema li l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova l-kaz taghha ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (2), (4) u (6); madanakollu, l-provi huma sufficjenti u skond il-ligi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet kif migjuba fil-paragrafi (1), (3), (5) u (7).

**Konkluzjoni**;

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 95, 214, 215, 221(3), 338(ee) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, filwaqt li ssib

u tiddikjara lill-imputat mhux hati ta` l-imputazzjonijiet bin-numru (2), (4) u (6), u minnhom tilliberah skond il-ligi, ssib u tiddikjara lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet bin-numru (1), (3), (5) u (7), u tikkunndannah ghall-piena komplesssiva ta` multa fis-somma ta` elf euro (€1000).

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur